DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 64/2018

tat-23 ta' Marzu 2018

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2020/81]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju ([1]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ([2]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2014 tat-3 ta' Ġunju 2014 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tan-notifika skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej ([3]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2014 tat-3 ta' Ġunju 2014 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tan-notifika skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ([4]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bcai (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2042 tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31bd. **32013 R 0345**: Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat Membru/(i)' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Fl-Artikoli 22 u 23, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'AETS'.

([1]) ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1.
([2]) ĠU 115, 25.4.2013, p. 18.
([3]) ĠU 165, 4.6.2014, p. 41.
([4]) ĠU 165, 4.6.2014, p. 44.

(c) Fl-Artikolu 23(2), il-kliem 'liġijiet oħra tal-Unjoni' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim ŻEE'.

(d) Fl-Artikolu 24, il-kliem 'lill-AETS, li' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'lill-AETS. lill-AETS jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

31bda. **32014 R 0593**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2014 tat- 3 ta' Ġunju 2014 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tan-notifika skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 41).

31be. **32013 R 0346**: Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠUL 115, 25.4.2013, p. 18).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stat Membru/(i)' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Fl-Artikoli 23 u 24, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'AETS'.

(c) Fl-Artikolu 24(2), il-kliem 'liġijiet oħra tal-Unjoni' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'dispożizzjonijiet oħra tal-Ftehim ŻEE'.

(d) Fl-Artikolu 25, il-kliem 'lill-AETS, li' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'lill-AETS. lill-AETS jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

31bea. **32014 R 0594**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2014 tat-3 ta' Ġunju 2014 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format tan-notifika skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 44)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 345/2013 u (UE) 346/2013 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2014 u (UE) Nru 594/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) Ma hemm l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.